MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Numru. 756/2004

PULIZIJA
SPETTUR WALTER SPITERI
VS
JURGEN BUGEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jurgen Bugeja, ta’ 28 sena, bin Joseph u Maria Dolores nee’ Attard, imwieled Pieta’ fit-3 t’Awissu 1976 u residenti JoeDor, Triq San Pawl, Zurrieq, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 378676(M), u akkuzat talli fiz-Zurrieq, fl-20 t’Awissu 2004, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq Warden Roger Attard, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Akkuzat ukoll talli kkagunalu feriti hfief skond kif iccertifika Dr R.Patiniott MD.

Akkuzat ukoll talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq nuccali tad-detriment ta' Roger Attard, u ghamel hsara fuq il-vettura numru CBK 019, ghad-detriment ta' Sterling Car Hire Ltd, liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltin (Lm50) izda ma teccedix il-hames mitt Lira Maltin (Lm500).

Akkuzat ukoll talli kiser il-paci u bon ordni b'ghajjat, glied jew mod iehor, u talli qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (dokument WS3 a fol 6) u tal-imputat (a fol 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, jirrizulta illi fid-data citata fic-citazzjoni, Warden Roger Attard fuq id-distrett taz-Zurrieq, irraporta li waqt li kien qed jaghti 'ticket' fuq karozza bin-numru JAE 315, hareg l-imputat, argumenta u ggieled mieghu, kissirlu n-nuccali u ghamillu hsara fuq il-karozza tax-xoghol.

Jurgen Bugeja gie arrestat u nterrogat, u fl-istqarrija tieghu dokument WS2, innega l-incident kollu, anzi qal li l-karozza ndikata kienet ta' missieru u li hu la jaf, wisq anqas kellu xi ncident mal-Warden in kwistjoni. Spettur Walter Spiteri ma kienx f'pozizzjoni jindika lill-Qorti il-quantum tad-danni sofferti.

Dr Robert Patiniott ikkonferma c-certifikat minnu rilaxxat, a fol 15, fit-22 t'Awissu 2004. Xehed illi l-Warden kien infurmah li kien safa aggredit f'wiccu fuq in-naha tal-lemin, fuq widintu u ghonqu, izda dak il-hin li rah, ma kellu ebda sinjali esterni ta' griehi. Dr Patiniott xehed illi huwa ma regax ra lill-pazjent u ghalhekk ma jafx jekk kienx hemm xi kumplikazzjonijiet.

Spettur Johan Fenech, a fol 16, ikkonferma l-prezenza tieghu waqt it-tehid ta' l-istqarrija ta' l-imputat.

PS 1448 Victor Buttigieg, a fol 17, ikkonferma r-rapport maghmul minn Roger Attard, Warden li waqt il-qadi ta' dmirijietu gie aggredit mill-imputat fost dagha u ghajjat. PS 1448 xehed ukoll illi kien gie nfurmat illi l-imputat kien wettaq hsarat fuq il-karozza tal-Warden, bin-numru CBK 019, u li kisser in-nuccali ta' Attard. PS Buttigieg xehed illi kien baghat ghall-imputat, li cahad l-incident kollu izda stqarr li l-karozza tieghu kienet ipparkjata hdejn il-karozza tal-Warden. PS Buttigieg esebixxa l-okkorrenza dokument PS a fol 19.

Roger Attard, a fol 22 et seq, xehed illi waqt li kien qed jaghti 'ticket' hdejn karozza f'Misrah ir-Repubblika, Zurrieq, **'f'daqqa wahda nhoss daqqa ta' ponn mill-genb…tajjarli n-nuccali.'** Attard gharaf lill-iputat bhala l-persuna li aggredietu. Qal illi l-imputat infurmah li dik il-karozza kienet tieghu u li hu kien hemm ghaliex kien sr jarma ghall-festa. Attard xehed illi l-imputat imbaghad beda jaghti bis-sieq fuq il-karozza tax-xoghol tieghu, CBK 019, u kissirlu l-mera tal-karozza. Attard esebixxa dokument RA1, RA1A, stima u ricevuta tan-nuccali tal-vista f'ammont ta' tnejn u hamsin Lira Maltin (Lm52), u dokument RA2, stima tal-hsara fuq il-karozza f'ammont ta' mitejn u disa' u tletin Lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm239.17).

Roger Attard xehed illi huwa kien ta d-dettalji tal-karozza li fuqha hareg ic-citazzjoni u kien hemm il-Pulizija li nvestigaw il-kaz, arrestaw lill-imputat u Attard gharaf lill-imputat fl-ghassa. Ma saret ebda 'identification parade'.

Roger Attard xehed ukoll illi waqt li kien isehh l-incident, kien hemm Kuntistabbli fil-misrah li ra l-incident kollu (vide fol 26).

PS 1448 Victor Buttigieg, a fol 32, ma ftakarx l-isem jew in-numru ta' dan il-Kuntistabbli.

Roger Attard, ri-prodott, a fol 35, ikkonferma r-ricevuti minnu esebiti u rega' gharaf lill-imputat.

Charles Mifsud, a fol 37, Direttur ta' Sterling Car Rental Ltd, xehed illi l-karozza CBK 019 kienet tal-kumpanija tieghu, u moghtija lill-Wardens. Ikkonferma il-hsara fuq din il-karozza li kienet ta' mitejn u tmienja u hamsin Lira Maltin u disa' u tletin centezmi (Lm258.39) (ara dokument CM a fol 39).

PC 948 ma kienx il-Kuntistabbli ndikat minn Roger Attard.

PC 172 xehed illi fuq struzzjonijiet tas-Surgent 1448, huwa kien mar biex ifittex lill-imputat u sabu jarma' fuq iz-zuntier (ara fol 46).

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ma pproduca ebda xhieda tad-difiza, hlief ghal dokument JB.

Ikkunsidrat:-

Illi d-Difiza, fit-trattazzjoni taghha, issollevat illi hadd mill-Pulizija ma gharaf lill-imputat bhala l-persuna li wettaq il-hsarat u l-griehi fuq il-kwerelant, u li ghalhekk ma kien hemm ebda 'link' bejn il-fatti u l-imputat. Id-Difiza, in oltre, ghamlet referenza ghal dokument JB, a fol 52, fejn l-ittra ghar-risarciment tad-danni subiti giet mibghuta lil missier l-imputat u mhux lill-imputat.

Ikkunsidrat:-

Illi l-fatt illi ebda membru tal-Pulizija ma kien xhud okulari ta' l-incident, ma jekwiparax mat-tezi tad-Difiza illi ma hemm ebda ness bejn il-fatti u l-imputat. Dan qieghed jinghad ghaliex hemm ix-xhieda vivida u mimlija dettalji

tal-kwerelant Roger Attard, li gharaf lill-imputat bhala l-aggressur tieghu ghal diversi drabi.

Illi di piu', hemm ic-'circumstantial evidence' li qeghdet il-karozza li lilha giet moghtija t-'ticket' f'Misrah ir-Repubblika, Zurrieq, u l-imputat gie **misjub u migbur miz-zuntier ta' l-istess misrah**, fejn kien qed jarma' ghall-festa. Dawn l-ahhar kliem infatti huma riflessi kemm fl-okkorrenza esebita – u ghalhekk huwa rapurtagg immedjat tal-kwerelant u dawn l-istess cirkostanzi ta' fejn kien qed jarma' l-imputat, gew sostnuti minn Roger Attard fix-xhieda tieghu.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi bix-xhieda tal-kwerelant, ic-certifikat minnu prodott u konfermat minn Dr Patiniott, u r-ricevuti esebiti u konfermati, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha bla dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, b'assorbiment tat-tieni akkuza, u wara li rat l-Artikoli 95, 96(a), 221, 325, 338dd, 338bb, 342 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre, ai termini ta' l-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna li l-imputat ihallas is-somma ta' disa' u hamsin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm59.20) lill-kwerelant, u s-somma ta' mitejn disa' u tletin Lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm239.17) lil Sterling Car Rentals Ltd, fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------